

# L-ISKOLA PRIMARJA ANTONIO GALEA - AKTAR MINN 150 SENA TA' TAGĦLIM FIL-FLORIANA

*kitba ta' Nigel Holland*

*'Hawn tajna l-ewwel laqam lill-għalliema,*
*tkellimna meta kellna nżommu s-skiet,*
*u dħaqna bis-surmast li ġie jbeżżagħna,*
*u ħloqna kull praspura w kull inkwiet.*

*Kemm ridna niġu l-ewwel f'kull eżami,*
*kemm xtaqna nikkupjaw biex ngħaddu sew,*
*kemm bkejn' għalxejn, kemm fraħna met' għaddejna,*
*kemm stejjer sbieħ, kemm stejjer ġraw hemmġew'*

*(minn 'L-Għanja tal-Furjaniżi' tal-Professur Oliver Friggieri)*



KLASSI FL-ISKOLA PRIMARJA 5 TA' DIĊEMBRU 1927

***Sentjen ilu l-iskola primarja tal-Floriana, illum bl-isem uffiċjali ta' Skola Primarja Antonio Galea, laħqet tragward importanti fil-mixja twila u benefika tagħha meta ċċelebrat 150 sena ta' tagħlim fil-Floriana, jiġifieri l-150 Anniversarju minn mindu fetħet il-bieb tagħha għall-edukazzjoni tat-tfal Furjaniżi, u mhux Furjaniżi biss ukoll!***

Dan ma jfissirx li qabel ma kienx isir xi forma ta' tagħlim fil-Floriana. Fil-fatt l-ewwel skola tal-Gvern fil-Floriana, li kienet għall-bniet biss, twieldet fl-1834 fil-*Casa d'Industria*, li dari kienet fejn illum hemm id-Depot tal-Pulizija. [1]
Fis-snin ta' wara kienu saru xi tentattivi li rnexxew għal perjodi qosra biss, minn individwi privati biex titwaqqaf ukoll skola għas-subien sakemm fl-1853 insibu li l-Floriana kellha skola governattiva kemm tal-bniet [2] kif ukoll tas-subien f'imħażen bl-isem ta' *Magazzini San Giorgio*. [3]
Din l-iskola ma tantx damet f'dawn l-imħażen għax fit-12 ta' Settembru, 1854, il-Gvern kien biegħhom lill-Militar għall-prezz ta' £1800.
Il-Gvern ħeles minnhom għax beda jibni, flok fejn darba kien ġnien botaniku, l-iskola sabiħa li l-Floriana għandha llum fi ħdanha. Meta din kienet lesta, it-tfal inġarrew fiha.

**Il-bidu ta' l-Iskola ta' Triq San Tumas**
L-iskola primarja tal-Floriana fi Triq San Tumas, l-ewwel skola mibnija għal ta' l-apposta f'Malta (f'Għawdex kienet diġa' nbniet dik tar-Rabat), ħadet madwar sentejn biex tinbena u allura tmur lura għall-1856 [4] meta l-ewwel tfal Furjaniżi rifsu ferħana u kburin l-għatba tagħha għax għal żmienhom kienet ċertament skola mill-aktar moderna.
Kif kellu jseħħ għal żmien twil, l-iskola kellha żewġ kapijiet, is-surmast għas-subien u s-sinjora/madam għall-bniet. Wisq probabbli li l-ewwel madam ta' din l-iskola kienet Marija Farrugia li kienet qed tmexxi l-iskola meta kienet għadha fl-imħażen. Rigward l-ewwel surmast jista' jkun li dan kien George Iliff li kien beda jmexxi l-iskola fl-imħażen fl-1854 [5] u nafu żgur li kien f'dik ta' Triq San Tumas mill-anqas mill-1867 sa l-1874 [6] u possibbilment aktar [7]

(Jiena qed nipprova nigbor l-ismijiet tal-kapijiet ta' l-iskola kollha għall- "Encyclopaedia Florianensis" li qed nagħmel)
L-iskola sa mill-bidu kellha annessa magħha l- 'Infants School', l-iSkola Infantili, l-iskola tan-nuna jew, kif insibuha llum, il-kindergarten, li saħansitra kellha l-kap ta' l-iskola tagħha li milli sibt s'issa dejjem kienet mara. Filwaqt li llum l-iskola primarja tagħna waqgħet għall-miżerja ta' klassi waħda ghal kull sena, għamlet żmien fejn l-istudenti kienu jgħoddu bil-mijiet u dan jirrifletti anki l-popolazzjoni akbar li kellha l-Floriana f'dawk iż-żminijiet u dik miżera tal-lum.
Jekk nieħdu bħala eżempju is-sena 1874, insibu li l-iskola primarja kellha 290 student (120 subien; 170 bniet) filwaqt li dik tan-nuna kellha 171 (82 subien; 89 bniet) għal total ta' 461.
Iżda l-figuri għas-sena 1938 huma aktar impressjonanti: total ta' 728 student (385 subien; 343 bniet) [8] li jġibu aktar minn kwart tal-popolazzjoni kollha tal-Floriana tal-lum!
Ċifri li llum fil-Floriana lanqas biss noħolmuhom u fihom aktar x'tixtarr meta wieħed iqis li sal-gwerra l-edukazzjoni f'Malta kienet għadha mhix obbligatorja u ma kinux eċċezzjonijiet dawk li ma kinux jibagħtu 'l uliedhom l-iskola!

**Prize Day fiċ-Ċirklu Britannja**
Ħaġa oħra kurjuża li ltqajt magħha waqt ir-riċerka tiegħi fuq il-Floriana, mill-gazzetta 'Il Ħabib', hija li fl-1912 il-*Prize Day* ta' l-iskola ma saritx fl-iskola iżda fiċ-Ċirklu Britannja li kien post fil-viċinanzi tal-bandli fejn kienu jittellgħu spettakli ta' divertiment ta' kull xorta.

**L-iskola primarja ssofri mal-bqija tal-Floriana**
Nimxu aktar 'l quddiem fl-istorja u naraw li l-iskola primarja tagħna ma naqsitx li ssofri mal-bqija tal-Floriana ż-żmien terribbli tat-Tieni Gwerra Dinjija u partikolarment ix-xahar ta' April 1942 meta l-Floriana fi ftit jiem saret ħerba waħda, fosthom anki bid-diżastru li ġarrbet il-Knisja Arċipretali u Parrokkjali ta' San Publju u l-qerda totali tal-Knisja tal-Kapuċċini.
L-iskola kienet qed tagħti sehemha fir-reżistenza kontra l-aggressuri Nażi-Faxxisti billi kienet qed tintuża bħala ċentru ta' l-A.R.P. (Air Raid Personnel) u għall-iskwadri tas-salvataġġ u d-demolizzjoni.
L-iskola ntlaqtet diversi drabi iżda l-agħar attakk fuqha sar erbat ijiem qabel dak fuq il-knisja ta' San Publju, eżattament il-Ġimgħa, 24 ta' April, fis-6.10 p.m. meta l-parti ċentrali tal-faċċata ikkrollat kompletament u ġiet ifformata ħofra kbira li kixfet il-ġibjun li kien hemm taħt il-bini. Iċ-ċentru ta' l-A.R.P. kompla jiffunzjoni għalkemm kienu ntilfu ħafna provvisti mediċi u tagħmir ieħor tant bżonnjuż. [9]

**L-iskola tinqeda b'ċentri oħra**
Ċertament waħda mill-affarijiet li forsi narawha stramba mil-lenti tagħna llum, u interessanti wkoll kien li l-każin tal-banda Furjaniża, is-Soċjetà Filarmonika Vilhena, għal xi żmien serva bħala estensjoni u parti mill-iSkola Primarja tal-Floriana fejn it-tfal kienu jiġu għal-lezzjonijiet tagħhom fis-sala ta' fuq nett tal-każin ġdid li tela' wara l-gwerra. Qed nitkellmu fuq is-snin bejn l-1956 u l-1962. Jekk kienx hemm każini oħra tal-baned li servew bħala skola ma nafx, iżda ċertament li din kienet xi ħaġa pjuttost unika.
Huwa interessanti wkoll li t-tfal kienu jqattgħu l-ħin tar-rikreazzjoni tagħhom fuq il-bejt tal-każin.
L-idea li l-każin joffri sala minn tiegħu bħala klassi tat-tagħlim, u b'hekk idaħħal xi fondi, kienet tat-Teżorier Emmanuel S. Tonna, ex-surmast ta' l-istess skola primarja tal-Floriana, u din kienet intlaqgħet mill-kumitat li mbagħad ressaq dan is-suġġeriment lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni. [10]
Estensjoni oħra temporanja u interessanti ta' l-iskola primarja fl-istess perjodu kien l-Oratorju tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u San Publju, eżatt faċċata ta' l-iskola.

**L-iskola bħala ċentru tal-Floriana**
Tul l-istorja tagħha l-iskola tal-gvern tal-Floriana għexet ħafna mill-ġrajjiet tal-poplu Furjaniż għax spiss kienet iċ-ċentru ta' attivitajiet soċjali, filantropiċi, sportivi u reliġjużi li sawru l-istorja tal-Floriana u niesha. [11]
Numru kbir ta' għaqdiet Furjaniżi użaw l-iskola għal dawn l-attivitajiet fosthom is-Soċjetà Filarmonika Vilhena, il-*Floriana Football Club* u l-*Floriana School Old Boys Association* (illum *Fsobians Club*). Din ta' l-aħħar ovvjament kellha rabta speċjali, kif jixhed isimha, ma' l-iskola tant li l-ewwel laqgħa għal min kien interessat fit-twaqqif ta' din l-għaqda saret il-Ġimgħa 2 ta' Settembru, 1949 fl-istess skola meta nħatar ukoll l-ewwel Kumitat.
X'ma organizzawx għaqdiet Furjaniżi f'din l-iskola tul is-snin? Riċevimenti, reċti, fieri, parties tal-Milied għat-tfal, laqgħat ġenerali eċċ., eċċ. Kien hemm imbagħad okkażjoni unika fejn f'dak il-mument tabilħaqq li l-iskola tal-Floriana kienet tassew ċentru tal-Floriana u dan meta, minbarra l-votazzjoni tas-soltu, fis-sala prinċpali tagħha kien sar l-għadd tal-voti għall-ewwel Kunsill Lokali tal-Floriana f'Novemberu 1994.
Din hi l-unika darba f'Malta li l-għadd tal-voti għall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' lokalità partikolari sar fil-lokalità stess. Dan kien sar bħala esperiment li jien nsostni li messu tkompla u ġie estiż għal-lokalitajiet oħra.

## L-Iskola fix-xena Nazzjonali

L-iskola tal-Floriana hija intriċċata ma' ħafna avvenimenti anki ta' natura nazzjonali sforz anki iċ-ċentralità tal-Floriana nnifisha, u s-servizz dirett ta' trasport minn u lejn kullimkien f'Malta, li minn dejjem appellat lil diversi korpi, governattivi u mhumiex, biex jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom fiha.
Għalhekk l-iskola primarja tagħna ospitat diversi inizjattivi edukattivi, mhux biss għat-tfal iżda wkoll għall-adulti, li kienu miftuħa għall-poplu Malti in ġenerali, speċjalment filgħaxijiet. F'din l-iskola jsiru wkoll eżamijiet li jwasslu għad-dħul f'istituzzjonijiet edukattivi għolja.
Iżda żgur li s-sehem ta' l-iskola tal-Floriana kien jispikka fix-xena nazzjonali meta fiha kien isir l-għadd tal-voti ta' l-elezzjonijiet ġenerali li sallum f'Malta jiġġeneraw interess u eċċitament kbir. Dan sar f'mhux inqas minn 5 okkażjonijiet, l-ewwel darba fl-1947 imbagħad fl-1950, 1951, 1953 u l-1955. [12]
Folol kbar kienu jistennew barra l-iskola biex isegwu xi jkun qed jiġri. Każ tipiku kien l-għadd tal-voti għall-elezzjoni ġenerali ta' l-1950 meta kienu ġew installati trombi mal-faċċata ta' l-iskola sabiex il-folla miġbura barra setgħet issegwi ir-riżultati ta' l-għadd hekk kif kienu jiġu mħabbra.
Anki wara li l-għadd tal-voti ma baqax isir fl-iSkola tal-Floriana, din xorta baqa' jkollha rwol fl-elezzjonijiet ġenerali billi qabel kull elezzjoni il-mijiet ta' kaxxi tal-voti kienu jinġiebu lejn l-iskola, jiġu ċċekkjati u ssiġillati taħt is-superviżjoni ta' rappreżentanti tal-partiti politiċi u miżmuma hemm taħt għassa mill-Pulizija sa jum l-elezzjoni fejn imbagħad kienu jitqassmu ma' Malta u Għawdex. Dan l-eżerċizzju baqa' jsir fl-iSkola tal-Floriana għallinqas sa l-Elezzjoni Ġenerali ta' l-1987.

## L-isem ta' l-Iskola

L-isem ta' l-iskola tal-Floriana huwa marbut ma' persunaġġi u ma' ġrajja importanti fl-istorja ta' Malta, partikolarment fil-kamp trejdunjonistiku. L-iskola hija msemmija għal Antonio Galea, għalliem ta' 29 sena mill-Belt li kien għamel sejħa lill-għalliema biex jingħaqdu biex jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom. Aktar minn 500 għalliem minn diversi bliet u rħula f'Malta wieġbu għas-sejħa ta' Galea u ltaqgħu fl-iskola primarja tal-Floriana fit-22 ta' Novembru, 1919.
Minn din il-laqgħa twieldet il-*Malta Union of Teachers* li tinżel fl-istorja bħala l-ewwel 'trade union' f'Malta u l-iskola tal-Floriana għalhekk hija intimament marbuta ma' dan l-avveniment storiku.

## Il-'badge' ta' l-iskola

L-arma, jew 'badge', ta' l-iskola primarja tal-Floriana hija msawra madwar l-istess arma tal-belt tal-Floriana biż-żieda ta' xi elementi oħra.
Bħal fl-arma tal-Floriana, insibu ljun aħmar rampanti li jiddomina ċ-ċentru tal- 'badge'. Filwaqt, iżda, li l-isfond ta' l-istemma tal-Floirana huwa abjad, f'dik ta' l-iskola hemm tliet linji orizzontali ħodor jalternaw ma' tnejn bojod. Għad li dawn il-kuluri oriġinaw mill-*football* Furjaniż, u speċifikament mill-*Floriana Football Club*, maż-żmien dawn kienu saru sinonimi mal-belt tal-Floriana kollha kemm hi. Fil- 'badge' ta' l-iskola, imbagħad, taħt l-iljun wieħed isib ktieb miftuħ, sinonimu mat-tagħlim, u torċa, li sa minn żmien twil ilu kienet meqjusa bħala simbolu tat-tagħlim li jfakkarna li l-edukazzjoni hija proċess li jdawwal l-imħuħ.
Għad li għadni ma skoprejtx eżattament meta kienet saret din il- 'badge', għandi nifhem li saret f'xi żmien wara t-Tieni Gwerra Dinjijia meta l-kulur aħdar beda jiġi adottat għal oqsma oħra fil-Floriana minbarra dak tal-ballun, filwaqt li saret żgur mhux aktar tard mill-1949 għax għandna verżjonijiet stampati tagħha li saru f'dik is-sena.
Huwa interessanti l-fatt li l- 'badge' ta' l-iskola kienet ġiet adottatta wkoll mill-*Floriana School Old Boys Association* (illum *Fsobians Club*) meta din l-għaqda ta' ex-studenti ta' l-iskola primarja tal-Floriana kienet twaqqfet proprju fl-1949. [13]
Li hemm bżonn urġentement huwa li l-iskola tadotta il- 'badge' oriġinali tagħha u tibqa' biha għax sfortunament ilna issa żmien twil naraw verżjonijiet differenti li ma jirrispettawx dik oriġinali fejn saħansitra l-ktieb u t-torċa sparixxew għal kollox.

## L-Innu ta' l-Iskola

F'dawn l-aħħar snin l-iskola għandha l-innu tagħha, fuq stil ta' mużika rap, li jibda bil-kliem 'We are the children of Floriana School'. L-innu fil-fatt huwa adattament tal-kanzunetta 'Give it all you've got' tal-koppja Mark u Helen Johnson.
Kull min, bħali, kellu x-xorti f'dawn l-aħħar snin



PARTI MILL-BITĦATA' L-ISKOLA

li jattendu għall-attività stupenda ta' kant u reċtar li jtellgħu l-għalliema u t-tfal ta' kull sena f'Jum il-Premjazzjoni, ma jistax ma jammirax u kważi jikkomwovi ruħu bir-rendiment ta' dan l-innu mit-tfal li jkantawh b'ħeġġa liema bħalha li jagħmel ġustizzja ma' l-isem oriġinali tal-kanzunetta.
Dan l-innu qed jgħin ħafna biex it-tfal iħossuhom kburin bl-iskola tagħhom, kburija li nittamaw li jestenduha 'il quddiem għal oqsma oħra tal-Floriana.

**L-iskola llum**

Kif ġa għidna aktar 'il fuq, l-iskola issa stabbilixxiet ruħha għal klassi waħda għal kull sena. In-numru ta' studenti, mill-kindergarten sas-6 sena, huwa ta' 127 (65 subien; 61 bniet). Bħal ma kien minn dejjem, minn dawn l-istudenti hemm numru li mhumiex mill-Floriana u l-aktar minn dawn huma mill-Belt, iżda hemm waħdiet minn postijiet diversi bħall-Qawra, il-Fgura, il-Gżira u Ħaż-Żabbar. F'dawn l-aħħar snin l-iskola ospitat ukoll tfal refuġjati li integraw tajjeb mat-tfal oħra bl-aktar mod naturali minkejja l-barriera inizjali tal-lingwa.

Tagħlima għalina, għal darba oħra u jekk qatt kien hemm bżonn, li l-preġudizzji fuq kulur u reliġjon u l-mibegħda li dawn iġibu magħhom huwa ħolqien il-kbar.... u li kieku kellna nimitaw liż-żgħar id-dinja tgħix f'ħafna aktar trankwilità magħha nnifsiha.
Is-Surmast preżenti ta' l-iskola huwa s-Sur Stephen Miceli li għadu kemm ħa post s-Sur Joseph Chetcuti li, mingħajr ebda disprezz lejn il-predeċessuri tiegħu, fil-ftit żmien li dam fit-treġija ta' din l-iskola, taha stima u ħajja ġdida u għafas ħafna fuq it-tagħlim permezz tal-mużika, mezz ta' tagħlim li għalih it-tfal jirrispondu spontanjament u b'entużjażmu kbir kif deher anki mit-tfal ta' l-iskola tal-Floriana.
L-iskola ilha għal xi żmien ukoll b'Kunsill Skolastiku li huwa magħmul minn għalliema u ġenituri. Fil-każ ta' dawn ta' l-aħħar perjodikament issir elezzjoni biex jiġu eletti r-rappreżentanti tal-ġenituri f'dan il-kunsill. Il-President tal-kunsill ikun nomimnat mill-Kunsill Lokali u jrid jiġi approvat mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni.
Il-Kunsill Skolastiku jiltaqa' regolarment u minn żmien għal żmien jorganizza attivitajiet għall-ġenituri kif ukoll għall-istudenti.

**Kapijiet ta' l-Iskola**

**Tas-Subien**

| | |
|---|---|
| George Iliff | 1867-1874 |
| Amabile Farrugia | 1879-1896 |
| Vakanti | 1897 |
| Gaetano Rossignaud | 1898-1900 |
| Salvatore Att. Vassallo | 1900- ? |
| Joseph Giordano | 1904 |
| Albert Catania | 1905 |
| Samuele Gulia | 1906 |
| Ugo Pio Borg | 1907- ? |
| G.M. Camilleri | 1939 |
| Saviour J. Gatt Kav. | 1939-1940 |
| Emmanuel S. Tonna | 1940 - ? |
| Frank Debono, Kap. | 1955-1961 |
| Frans Sammut | |
| Anthony Spiteri | 1998-2004 |
| Joseph Chetcuti | 2004-2007 |
| Stephen Miceli | 2007- |

**Tal-Bniet**

| | |
|---|---|
| Marija Farrugia? | |
| Elisabeth Spiteri | 1867-1871 |
| Catrina Brockdorff | 1871-1882 |
| Maria Dolores Farrugia | 1882-1884 |
| Julia Camilleri | 1884-1897 |
| Vakanti | 1898 |
| Clotilde Ferris | 1899 |
| Ethel Weetten | 1902- ? |
| Maria Dolores Briffa | ? - 1904 |
| Emilia Busuttil | ? - 1913 |
| C. Said | 1961 |

**Infantili**

Loreta Miggiani 1861-1888
Vakant 1902-1904
Antonia Zammit 1904-1919

Ħafna mit-tagħrif t'hawn fuq huwa meħud mill-'Malta Blue Books' għas-snin 1870-1912/3. F'uħud minn dawn il-pubblikazzjonijiet hemm informazzjoni nieqsa filwaqt li mill-edizzjoni ta' l-1913/4 'il quddiem ma baqax jiġi indikat f'liema skejjel kienu qed iservu l-kapijiet ta' l-iskola iżda kien indikat biss il-grad tagħhom.
Għaldaqstant jeħtieġ aktar riċerka biex tkun stabbilità l-lista definittiva tal-Kapijiet kollha ta' l-iskola primarja tal-Floriana u s-snin li fihom okkupaw din il-kariga.

**Għeluq**

Kien hemm aspetti oħra interessanti mill-ġrajja ta' din l-iskola li ma missejthomx u nittama li 'l quddiem ikolli ċans ieħor li niffoka fuqhom. Intant, l-istorja ta' l-iskola primarja tal-Floriana fi Triq San Tumas għalqet 150 sena iżda l-ġrajja għadha sejra u min jaf kemm għad iridu jgħaddu tfal Furjaniżi, u mhmiex, mill-bibien kbar u għoljin tagħha, bl-istess sentimenti mħallta li fisser tant tajjeb il-poeta u kittieb Furjaniż il-Professur Oliver Friggieri, ex-student illustri ta' din l-iskola, fl- 'L-Għanja tal-Furjaniżi' li minnha rriproduċejna żewġ siltiet fil-

bidu ta' din il-kitba.

Huwa dmir tagħna, li lkoll, min b'mod jew min b'ieħor, nappoġġjaw din l-istituzzjoni ta' tagħlim Furjaniża li qasmet mal-poplu Furjaniż ħafna mill-episodji ta' ferħ u ta' niket fuq medda ta' seklu u nofs.

## Noti u Riferenzi

1. Ġużè Gatt, *Il-Furjana*, 20.07.1958 p. 9.
2. Ibid, Lulju - Settembru, 1960 p. 3.
3. L-aħħar li kienu servew kienu bħala kwartieri għar-reġiment Ingliż ta' l-Inġinieri u kienu twaqqgħu b'ħidma ta' l-għadu fl-aħħar gwerra.
4. Emmanuel S. Tonna, *Final Focus on Floriana: a collection of essays*, Malta, 1979 p. 165. Tonna jagħti l-isem ta' l-iskola bħala "Floriana Primary and Infants School' u jgħid li l-popolazzjoni ta' l-iskola f'dak iż-żmien kienet ta' madwar 225 student.
5. Ġużè Gatt, *Il-Furjana*, 20.07.1958 p. 9.
6. *Malta blue book for the year 1874, Government Printing Office*, Valletta, 1875.
7. Mill-*The Malta Government Gazette*, No. 2663, tal-Ġimgħa, 22 ta' Ottubru, 1875, p. 328, nafu li dik il-ħabta George Iliff kien jgħix f'Numru 12, Strada San Pubblio (Triq san Publju)
8. *Malta blue book for the year 1938, Government Printing Office*, Valletta, 1875.
9. *Remembrance: Floriana Blitz, 1942: commemorative booklet : 40th anniversary*, 1982, Muscat, 1982.
10. Minuti tas-Seduta tal-Kumitat tas-Soċjetà Filmarmonika Vilhena tas-26.03.1955 : 'Is-Sur E. Tonna ssuġġerixxa li niktbu lill-Onor. Ministru għall-Edkuazzjoni fejn noffru sabiex is-sala ta' fuq tiġi wżata bħala Klassi għat-tagħlim, billi l-Gvern ser jintroudċi l- 'full time system' għat-tfal u billi, kif inhu magħruf, l-Iskola tal-Furjana nieqsa minn klassijiet suffiċjenti għat-twettiq meħtieġ bl-introduzzjoni tas-sistema proposta.
11. L-eqdem riferenza li sibt s'issa għal xi għaqda jew entità Furjaniża li organizzat attività f'din l-iskola kienet dik tal-*Comitato delle Feste di San Publio* (Kumitat tal-Festi ta' San Publju) li kien organizza fiera biex jiġbor fondi għall-festa fl-1926. It-tagħrifa ħadtha mill-Minuti tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena ta' l-istess sena.
12. Dan kien perjodu ta' taqlib politiku kbir f'Malta b'għadd ta' gvernijiet ta' koalizzjoni li kienu jaqgħu wara ftit u għalhekk kienu jsiru elezzjonijiet ġenerali ta' spiss.
13. Maż-żmien il-*Fsobians* adottaw bħala arma prattikament dik tal-Floriana, jiġifieri l-iljun aħmar waħdu fuq sfond abjad, bil-kelma 'FSOBIANS' taħtha.

beauty expressions
Floriana Dispensary
St Ann Street, Floriana 21245833 - 99451334
holistic message
facial treatment
waxing
reflexology
baby massage
stress management
diet & nutrition
slimming treatments
Indian head message
manicure & pedicure

il-Veduta
Saqqajja Square, Rabat
We are open daily as follows:
CAFETERIA
from 10.00 a.m. - 11.00 p.m.
RESTAURANT - PIZZERIA
from 11.00 a.m. - 3.00 p.m.
6.00 p.m. - 11.00 p.m.
Take away Service also available
For reservations phone:
Tel: 2145 4666 & Telefax: 2145 4660